MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 458/2004

**Perit David Xuereb ta' David Xuereb & Associates u fil-kapacita tieghu bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' D.X. Design Consultancy Limited (C21103)**

**vs**

**Perit Konrad Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur proprio et nomine talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u sittin Liri Maltin (LM2,760) dovuti lill-attur u rapprezentanti prezz ta' xoghol u servizzi professjonali ta' konsulenza rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess fuq il-progett fuq Villa Bijou, f'Borg Olivier Street, Rabat;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata fit-12 ta' Dicembru 2003 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma kkontestatx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-attur proprio et nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Novembru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-attur proprio et nomine u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine is-somma ta' elfejn, seba' mija u sittin Liri Maltin (LM2,760) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------